

Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12637/25

FIN 1053
INST 253
PE-L 28

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12248/25
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 12/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025 - Approvazzjoni - Approvazzjoni ta' ittra

1. Fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 12/2025 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2025/002 DE/Goodyear 2)¹, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju².
2. Kif indikat fid-dokument 12248/25, l-għan ta' din il-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 0.9 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 30 04 02 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*) għall-Artikolu 16 02 02 (*Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)*).

¹ Dokument 12249/25.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Settembru 2025.
 5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill japprova:
 - il-proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet, kif tinsab fid-dokument 12248/25;
u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS ta' din in-nota.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: il-President tal-Kunsill

lil: il-President tal-Kummissjoni

kopja: il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024¹, b'dan ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 12/2025 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2025.

(Formola tal-għeluq).

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).